MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-13 ta' Settembru, 2007

Appell Civili - Ghawdex Numru. 29/2004/2

**Malta Tourism Authority**

**vs**

**Refalo Victor**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta' Marzu, 2007, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-Awtorita attrici qeghda titlob minghand il-konvenut il-hlas ta' elf hames mija u tnejn u sittin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1,562.50) rapprezentanti arretrati ta' kontribuzzjonijiet dovuti skond il-ligi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Jannar 2005 li permezz tieghu l-konvenut ikkontesta l-hlas. Mill-atti ma jirrizultax li l-konvenutipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Frar 2007 li permezz tieghu l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Il-kawza titratta talba ghall-hlas ta' kontribuzzjonijiet minghand il-konvenut fl-ammont ta' elf hames mija u tnejn u sittin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1,562.50) ghas-snin 2000 sa 2004 (inkluzi). Il-kontribuzzjoni qeghda tintalab ghaliex il-konvenut ghandu kiosk f'Marsalforn.

2. Mill-atti processwali jirrizulta li bejn il-kontendenti hemm divergenza in kwantu l-konvenut qieghed isostni li huwa m'ghandux *vettura li juza bhala kiosk* registrat fuq ismu u ghalhekk l-ebda kontribuzzjoni mhi dovuta. Prova li effettivament saret mill-konvenut. Skond il-konvenut, gialadarba l-Awtorita' qeghda titlob kontribuzzjoni ghal vettura li tintuza bhala *mobile kiosk* (ara xhieda ta' Carl Zahra[1] moghtija fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2005), il-konvenut jippretendi li ebda hlas mhu dovut. Inoltre huwa jsostni wkoll li l-Awtorita' ghandha dritt ghall-kontribuzzjoni fuq il-vettura u mhux fuq il-kiosk[2].

3. Fil-fehma tal-Qorti, rilevanti ghall-ezitu ta' din il-vertenza hija x-xhieda moghtija minn Christine

[1] Impjegat tal-Awtorita' attrici.
[2] Ara xhieda moghtija in kontro-ezami fis-seduta tal-11 ta' Lulu 2006 (fol. 46).

Vella[3] li tokkupa l-kariga ta' Senior Executive mal-Awtorita'. Jirrizulta li:-

(a) Il-konvenut ghandu ftehim mal-Kummissarju ta' l-Artijiet sabiex izomm **mobile kiosk** fuq art tal-Gvern f'site gewwa Marsalforn, Ghawdex (ara kopja tal-permessi u dokumenti ohra relattivi li jinsabu a fol. 20 – 35). Il-kiosk jinsab f'Misrah Sir. M.A. Refalo.

(b) Il-konvenut stess ikkonferma li huwa ghandu kiosk gewwa Marsalforn[4]. Dan il-kiosk jinsab fuq sit fiss indikat fis-site plan annessa mal-permess mahrug mill-Kummissarju ta' l-Artijiet (ara fol. 24,26 u 31).

(c) Il-konvenut ta' kull sena ihallas il-licenzja mahruga mill-Awtorita' attrici. Ix-xhud ezebit ricevuti ta' hlas ghas-snin 2003 u 2004 (fol. 14-15). L-oggett li huwa licenzjat huwa ***"MOBILE KIOSK AT M'FORN, GOZO".***

(d) Mal-Awtorita' l-konvenut huwa registrat bhala l-licensee tal-kiosk (ara ricevuti ta' hlas u *license renewal notices* a fol. 14-19 tal-process).

4. Skond l-Avviz Legali 125/2002[5] apparti l-hlas ta' licenzja, persuna li ghandha kiosk trid ta' kull sena thallas kontribuzzjoni ta' tlett mija u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm375) ghal *mobile kiosk* u erbgha mija u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm475) ghal *fixed kiosk*. Bl-istess mod qabel kien hemm l-Avviz Legali numru 14 ta' 2001 li kien jipprovdi ghall-hlas ta' Lm437.50 fis-sena bhala rata ta' kontribuzzjoni ghall-detentur ta' licenzja ta' kjosk fiss, u Lm375 fis-sena ghal kull stabbiliment fir-rigward ta' detentur ta' licenza ta' kjosk mobbli jew operazzjoni ta' bejgh mobbli ohra. Hekk ukoll kien hemm qabel kien hemm the Tourism Services (Private Sector Contributions) Regulations, 2000 (Avviz Legali 279 tal-2000) u

[3] Fol. 11.
[4] Xhieda tal-konvenut in kontro-ezami (seduta 11 ta' Lulju 2006) a fol. 46.
[5] Artikolu 5.

the National Tourism Organisation (Contributions) Regulations, 1984 (Avviz Legali 64 tal-1984)[6]. Il-hlas irid isir lil Malta Tourism Authority. Skond l-Avviz Legali 175 tal-2004[7]:-

*"kiosk" means a catering establishment accessible to the public, being either* ***a fixed kiosk or a kiosk on a fixed site*** *where the primary purpose is the sale of food and, or beverages for consumption off the premises in accordance with the standards as set out in the Sixth Schedule*"

5. Ghalkemm il-konvenut jikkontendi li huwa dejjem hallas dak li ntalab li jhallas, huwa ma rnexxielux jaghti prova li hallas il-kontribuzzjoni imposta mil-ligi. Anzi meta xehed in kontro-ezami iddikjara li, *"nghid illi l-kontribuzzjonijiet li l-Awtorita' ghandha dritt ghalihom huwa fuq il-van u mhux fuq il-kiosk"*[8]. Kliem li fil-fehma tal-Qorti hija fiha nnifisha ammissjoni min-naha tal-konvenut li huwa ma hallasx il-kontribuzzjoni fir-rigward tal-kiosk li ghandu f'Marsalforn. Kemm jekk wiehed kellu jikkwalifika l-kiosk li ghandu l-konvenut gewwa Marsalforn bhala *mobile kiosk* jew *fixed kiosk*, ir-realta' hija wahda cjoe' li trid tithallas kontribuzzjoni annwali. Dan kuntrarjament ghal dak li qieghed jallega l-konvenut. Fil-kaz taghna l-Awtorita' qeghda titlob l-inqas rata ta' kontribuzzjoni (cjoe' dik ta' mobile kiosk). Ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti ma tarax li hija rilevanti li toqghod tidhol fil-kwistjoni dwar liema minn dawn ir-rati ghandha tapplika. Li hu cert pero' huwa li kontribuzzjoni trid tithallas, hi x'inhi n-natura tal-kiosk u l-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut ma rnexxielux jipprova li hallas il-kontribuzzjoni li qeghda tintalab minghandu. Il-

[6] Dawn l-ahhar zewg Avvizi Legali gew abrogati bl-Avviz Legali 14 tal-2001. Taht l-Avviz Legali 64 tal-1984 il-kontribuzzjoni ghall-kjosk fiss, kjosk jew canteen mobbli kien ta' Lm187.50 ghal kull unita' filwaqt li ghall-bejjiegha fit-toroq li jbieghu refreshments minn vettura li ma tkunx klassifikata mill-Pulizija bhala kjosk jew canteen mobbli, il-hlas kien ta' Lm62.50 kull unita' ghall-kull sena jew parti minnha.
[7] Catering Establishment Regulations.
[8] Fol. 46.

kwistjoni dwar jekk il-kiosk huwiex vettura jew struttura, m'huwiex rilevanti ghall-ezitu ta' dan il-kaz in kwantu qeghda tintalab l-inqas rata mposti mill-Avviz Legali fuq imsemmija. Li huwa rilevanti huwa li fejn il-konvenut jopera kiosk gewwa Marsalforn, ta' kull sena ghandu obbligu li jhallas il-kontribuzzjoni lill-Awtorita' attrici.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Malta Tourism Authority is-somma ta' elf hames mija u tnejn u sittin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1,562.50) rapprezentanti hlas ta' kontribuzzjonijiet fuq il-kiosk li ghandu gewwa Marsalforn ghas-snin 2000 sa 2004, bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz.

Spejjez kontra l-konvenut."

Il-gravam principali tal-konvenut fl-appell tieghu minn din is-sentenza hu fis-sens illi l-ewwel Qorti ghamlet evalwazzjoni manifestament zbaljata tal-fatti. Dan huwa jibbazah fuq is-sottomissjoni illi gjaladarba l-kontribuzzjonijiet mitluba mill-Awtorita` attrici jirreferu ghall-vettura b' numru specifiku ta' registrazzjoni u/jew ghal "*mobile kiosk*" u hu la ghandu l-wahda u lanqas l-ohra, it-talba kif koncepita ma tistax tregi. Konsegwentement ghadda biex talab it-thassir tas-sentenza;

Mix-xhieda ta' l-appellanti (fol. 38 u fol. 46) jidher li r-rezistenza tieghu ghal hlas domandat minnu hi fondata sintetikament fuq dawn id-dikjarazzjonijiet:-

(1) Huwa gestur ta' negozju ta' bejgh ta' gelati minn kiosk f' Marsalforn;

(2) F' xi zmien hu kien ukoll sid il-vann numru ta' registrazzjoni CCS - 107 pero` dan kien iddispona minnu billi bieghu lil ibnu;

(3) Il-kontijiet li kien jircievi kienu dejjem dwar dan il-vann u mhux dwar il-kiosk. Dejjem skond l-appellanti l-kontribuzzjonijiet ghal liema l-Awtorita` hi intitolata huma dawk relattivi ghal dan il-vann;

(4) F' kull kaz, il-*kiosk* tieghu hu ta' natura fissa;

(5) *Ex-concessis* jammetti li rigward il-*kiosk* ghandu jhallas lill-Awtorita` ghaliex il-*kiosk* kien proprjeta` tieghu. Jaggungi, pero`, illi huwa dejjem issalda l-kontijiet li l-Awtorita` baghtitlu biex ihallas;

B' kuntrast ma' din ix-xhieda jinghad fid-deposizzjoni ta' Christine Vella (fol. 11), rapprezentanti ta' l-Awtorita` appellata illi:-

(1) Il-konvenut ghandu *mobile kiosk* u ghandu sit fiss fejn iqeghdu;

(2) Dan skond il-permess li ghandu mid-Dipartiment ta' l-Artijiet (fol. 20 sa fol. 29) u l-licenzja mill-istess Awtorita` attrici (fol. 14 sa fol. 19);

(3) Konformement ma' l-Avviz Legali 125/2002 lill-Awtorita` hi dovuta r-rata ta' kontribuzzjoni applikabbli ghall-"*mobile kiosk on a fixed site*". Dan in addizzjoni mal-hlas tal-licenzja;

Mill-fatti premessi u mill-atti l-ohra attendibbli jemergi bl-aktar mod car illi, isejjahlu x' isejjahlu l-appellanti, il-*kiosk* minnu operat ma jistax hlief jikkwalifika bhala *mobile kiosk*. Fuq dan ma ghandu jkun hemm ebda ombra ta' dubju tenut rigward tal-fatt evidenti illi l-koncessjoni lilu mill-Lands Department tas-sit ta' l-art f' Marsalforn kienet "*for the temporary placing thereon of a mobile kiosk*". Il-fatt li l-appellanti izommu fl-istess sit "sajf u xitwa" ma jaghmlux ghal daqshekk u skond il-volonta unilaterali u esklussiva tieghu "*fixed kiosk*", li jattira fuqu rata ta' kontribuzzjoni differenti minn dik relattiva ghal "*mobile*

*kiosk*". La l-kontrattazzjoni u l-permessi huma daqstant cari u vinkolanti, ghal modifika jew varjazzjoni tal-kontenut taghhom kien certament necessarju l-*consensum ad idem* taz-zewg partijiet, u dan, fil-kaz prezenti, ma jidherx li hu hekk il-kaz;

Mill-istess fatti premessi jirrizulta kjarament ukoll illi ghalkemm l-appellanti onora l-obbligazzjonijiet tieghu tal-hlasijiet tal-permessi u licenzji relattivi, mhux l-istess jista' jinghad fil-kaz tal-kontribuzzjonijiet mitluba skond l-Avviz Legali predett. Xort' ohra kien dejjem jinkombi fuq l-appellanti li jipprova tali pagament billi, kif enuncjat, f' bosta decizjonijiet, u dan minn zmien antik, *la prova del pagamento è a peso del convenuto*" ("**Negte Michele Apap *nomine* -vs- Giuseppe Grech**", Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Mejju 1885. Ara wkoll "**Angelo Scicluna -vs- John Scerri**", Qorti tal-Kummerc, 30 ta' Mejju 1951 u "**Desmond Mizzi *nomine* -vs- Patrick Filletti *proprio et nomine***", Appell, 28 ta' Jannar 2000);

Fl-ahharnett l-appellanti lanqas jista' jsib suffragju fl-argoment illi una volta l-hlasijiet mitluba kienu relatati mal-vann, li ma kienx baqa' fid-disposizzjoni u proprjeta` tieghu, il-Qorti ma setghetx tallontana ruhha mit-talba kif formulata. Fir-rigward din il-Qorti qed taghmel dawn ir-riflessjonijiet:-

(1) L-ewwelnett it-talba kif koncepita mill-Awtorita` appellata hi wahda generika ghall-hlas tal-kreditu ta' arretrati ta' kontribuzzjonijiet;

(2) Huwa minnu illi skond il-kont esebit a fol. 3 hemm referenza ghal vettura bin-numru ta' registrazzjoni CCS - 107 imma dan ma jgibx u ma jikkonfortax it-tezi ta' l-appellanti illi l-ewwel Qorti marret *ultra vires*;

(3) Hi disposizzjoni cara tar-rit procedurali, ex-Artikolu 213, Kapitolu 12, illi jekk quddiem Qorti ta' gurisdizzjoni inferjuri ma tigix ipprovata t-talba kif imfissra fl-att izda minflok jigi pruvat jedd iehor, ghad li dan il-jedd

l-iehor ma jkunx jidhol sewwa fit-talba originali, l-qorti tista' tiddeciedi fuq dan il-jedd l-iehor kif ikun gie hekk ippruvat. Dan anke b' abbinament ma' l-Artikolu 171 ta' l-istess Kodici;

(4) A propozitu, jinsab sew espress fis-sentenza ta' din il-Qorti ta' l-1 ta' Novembru 1889 fl-ismijiet "**Genovese -vs- Cesareo**", "*per domanda nell' articolo 195 Cod. Proc. Civ. s' intende una espressione di cio che l' attore crede esergli dovuto, in qualunque forma intelligibile; e un tale domanda la Corte procede 'sola facti vertate inspecta', applicando la legge secondo il fatto provato, malgrado che la domanda medesima non sia stata cosi regolare come avrebbe dovuto essere in un procedimento innanzi una Corte Superiore*". Fl-istess sens huma s-sentenzi ta' din l-istess Qorti fl-ismijiet "**Carmelo Galea -vs- Francesco Bigeni**, 20 ta' Novembru 1920 u "**Giorgina Abela -vs- Remigio Farrugia**", 14 ta' Gunju 1941.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez anke ta' din l-istanza ghal konvenut appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------